MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2007

Numru 5/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**

***versus***

**Raymond Camilleri, bin Joseph u Pawla *née* Busuttil, imwieled Ħal Safi fit-12 ta' Ġunju 1964, u residenti *Cherokee*, Triq Fortunato Dalli, Żurrieq, [karta ta' l-identità numru 379164M]**

Il-qorti rat l-Att ta' l-Akkuża numru ta' l-2006 li bih l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, wara li qal illi:

*L-EWWEL KAP*

Christopher Camilleri, zagħzugħ ta' erbgħa u għoxrin sena, kien ilu għarus ma' Carmen Portelli Bouvet. Dina kellha r-residenza tagħha gewwa Triq Fortunato Dalli, iż-Żurrieq, u, naturalment, kif solitu jiġri, Christopher

Camilleri kien ta' spiss imur izurha hemmhekk bil-karrozza tiegħu.

Raymond Camilleri, li b'ebda mod ma kien jiġi minn Christopher Camilleri, kien joqgħod ukoll ġewwa l-imsemmija triq. Ta' spiss kien jiġri li meta kien imur hemm Christopher Camilleri kien ikollu jispiċċa jipparkja l-karrozza tiegħu viċin jew xi minn daqqiet quddiem ir-residenza ta' Raymond Camilleri. Dan tal-aħħar maż-żmien kien spiċċa sabiex jibda jiddejjaq mill-fatt li Christopher Camilleri kien jipparkja quddiemu. Però kull meta Raymond Camilleri kien jitlob u jinsisti ma' Christopher Camilleri sabiex dana ineħħilu l-karozza tiegħu minn hemm, dan ta' l-aħħar dejjem hekk għamel mingħajr ebda argumenti jew ġlied ta' xejn.

Nhar l-Erbgħa, sitta ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999), bħal ma kien ġieli għamel fl-okkażjonijiet ta' qabel, Christopher Camilleri, f'xi ħin pjuttost tard filgħaxija, mar għand l-għarusa tiegħu u ipparkja l-karrozza tiegħu, *Hyundai* FAA-193, quddiem ir-residenza ta' Raymond Camilleri. F'xi l-ħdax ta' filgħaxija ta' dak in-nhar, wasal Raymond Camilleri bil-karrozza tiegħu, *Fiat* HAH-078, u meta ra l-karrozza ta' Christopher Camilleri, irriversja lura għal fuqha sabiex jimbottaha 'l barra minn hemm.

Ġara li f'dan il-ħin, Christopher Camilleri inserta jara lil Raymond Camilleri jagħmel dik il-manuvra. Kif wieħed kien jistenna, Christopher ma qagħadx ċass iħares minn fejn kien. Xi ftit jew wisq Christopher irrabja u mar għal ħdejn Raymond Camilleri sabiex jieħu soddisfazzjoni ta' dak li kien għadu kemm ġara. Christopher dak in-nhar kellu idu l-leminija fil-ġibs. F'dik ir-rabbja li kellu, Christopher f'ħin minnhom, bil-fomm, hedded lil Raymond Camilleri li kien qed jitħajjar jaħraqlu l-karozza tiegħu. Raymond Camilleri min-naha tiegħu ma ħalliehx b'xejn u l-argument ta' bejniethom kompla għaddej. Ħin minnhom, Christopher anke spiċċa sabiex xejjer daqqa ta' ponn b'idu x-xellugija lejn Raymond Camilleri u laqtu.

Malli ġara hekk, Raymond Camilleri, flok irritalja dak il-ħin immedjat, qal lil Christopher sabiex joqgħod fejn hu u jurih. Raymond Camilleri, għalhekk, daħal ġewwa l-*garage* tiegħu, refa' f'idejh senter *automatic*, reġa' ħareġ 'il barra sa fuq ir-rampa ta' l-istess *garage* u mmira lejn

Christopher. F'dan il-waqt, meta ra hekk, Christopher ipponta biex jaħrab jiġri, iżda Raymond Camilleri ħa xi passi 'l quddiem, kompla jimmira lejn Christopher u sparalu. Christopher intlaqat, imma kien għadu f'pożizzjoni li jista' jkompli, kif fil-fatt kompla, jaħrab sabiex jistaħba wara xi karrozzi ipparkjati faċċata n-naħa l-oħra. Raymond Camilleri kompla jagħmel passi lejn id-direzzjoni ta' fejn kien mar jistaħba Christopher, wasal sa ħdejh, u, minn xi distanza ta' *circa* ħmistax-il pied bogħod minnu, rah baxxut u maġenb karozza. Raymond Camilleri reġa' ippunta u, bil-ħsieb li joqtlu, immira s-senter lejn Christopher u spara għal darb'oħra, u dana meta xi ftit ħin qabel (però wara li kien ġie sparat l-ewwel tir) xi ħadd kien qiegħed igħajjat u jwissi lil Raymond Camilleri sabiex jieqaf mill-għemil doluż tiegħu.

Mat-tieni tir, Christopher Camilleri nstabat minnufih mejjet ma' l-art wiċċu 'l isfel, ġismu mtertaq, imtaqqab u kollu dmija.

Kif ra hekk, Raymond Camilleri reġa' daħal lura d-dar tiegħu, poġġa s-senter lura fejn kien, u reħielha lejn l-Għassa tal-Pulizija fejn hemmhekk ta lilu nnifsu f'idejn il-Pulizija.

kompla qal:

illi b'għemilu l-imsemmi Raymond Camilleri sar ħati ta' omiċidju volontarju, u *cioè* talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Christopher Camilleri jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periku ċar, ikkaġunalu l-mewt.

Għalhekk akkuża lil Raymond Camilleri:

ħati ta' omiċidju volontarju, u *cioè* talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

u talab:

illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u li jiġi ikkundannat u jeħel il-piena ta' priġunerija għal għomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1) u (2), 492, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' tingħata skond il-liġi għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fl-istess Att ta' l-Akkuża l-Avukat Ġenerali kompla jgħid illi:

## ***<u>IT-TIENI KAP</u>***

Fis-sitta ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u disgħa u disgħin (1999), għall-ħabta ta' xi l-ħdax ta' filgħaxija,

ġewwa Triq Fortunato Dalli, filwaqt li Raymond Camilleri kellu xi argumenti ma' Christopher Camilleri, fejn saħansitra spiċċa biex inqatel volontarjament l-istess Christopher Camilleri mill-imsemmi Raymond Camilleri b'żewġ tiri sparati minn senter li kien qiegħed iġorr Raymond Camilleri, dan ta' l-aħħar kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar (senter, *Brownrigg Automatic*, numru ta' reġistrazzjoni A 70499) fil-ħin li għamel id-delitt fuq il-persuna ta' Christopher Camilleri .

kompla qal:

illi b'għemilu l-imsemmi Raymond Camilleri sar ħati talli, fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qiegħed iġorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari għal xi għan leġittimu.

Għalhekk akkuża lil Raymond Camilleri:

ħati talli, fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qiegħed iġorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari għal xi għan leġittimu.

u talab:

illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi ikkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, fosthom ukoll l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verdett tal-ġurati mogħti llum li bih b'sitt voti favur u tliet voti kontra sabu lill-akkużat Raymond Camilleri ħati ta' l-akkuża taħt l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuża b'dana però li r-reat hu skużabbli għaliex, għalkemm hu aġixxa minhabba l-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu nnifsu, ħareġ barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità jew mill-bżonn, iżda dan sar minħabba li hu nħasad, beża' jew twerwer, u b'sitt voti favur u tliet voti kontra sabu lill-akkużat Raymond Camilleri ħati ta' l-akkuża taħt it-tieni kap ta' l-Att ta' Akkuża.

Għalhekk tiddikjara lil Raymond Camilleri ħati:

1. ta' omiċidju volontarju b'dan illi l-omiċidju sar fil-waqt illi l-ħati kien jaġixxi taħt il-ħtieġa tal-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu innifsu iżda ħareġ barra mil-limiti imposti mill-bżonn, u dan l-eċċess sar minħabba li l-ħati nħasad, beża' jew twerwer; u
2. talli, fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qiegħed iġorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari għal xi għan leġittimu.

Semgħet u qieset is-sottomissjonijiet kollha magħmula mill-parti offiża, mill-prosekutur, u mill-avukati difensuri tal-ħati, kif igħid u jrid l-art. 490 tal-Kodiċi Kriminali.

Dwar is-sottomissjonijiet tal-parti offiża illi l-qorti għandha tinqeda bis-setgħa mogħtija lilha taħt l-art. 532A tal-Kodiċi Kriminali u l-art. 24 ta' l-Att dwar il-*Probation* [Kap. 446], il-qorti ikkonsidrat illi din is-setgħa ngħatat lill-qorti bis-saħħa ta' l-emendi li saru bl-Att XVI ta' l-2006, u li l-qorti ma kellhiex dik is-setgħa fl-1999, meta seħħ id-delitt. Rat illi din is-setgħa tingħata lill-qorti "kull meta jiġri li persuna tingħata sentenza wara li tkun instabet ħatja ta' delitt", u tagħmel aktar oneruża l-pożizzjoni tal-ħati.

Għalhekk ma hijiex setgħa li l-qorti tista' tinqeda biha fil-każ ta' delitti li seħħew qabel ma daħlet fis-seħħ il-liġi li tagħti dik is-setgħa, u għal din ir-raġuni ma tagħti ebda provvediment taħt l-art. 532A tal-Kodiċi Kriminali.

Dwar il-piena għall-ħtija taħt l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuża, il-qorti rat illi l-*proviso* għall-art. 227(*d*) tal-Kodiċi Kriminali jgħid illi l-eċċess tad-difiża leġittima, meta jkun sar, kif sar fil-każ tallum, minħabba li l-ħati jkun inħasad, beża' jew twerwer, ma hux suġġett għal piena.

Dwar il-piena għall-ħtija taħt it-tieni kap ta' l-Att ta' Akkuża, il-qorti rat l-art. 26 tal-Kap.66, qieset is-sottomissjonijiet tad-difensuri, u rat ukoll illi l-prosekutur irremetta ruħu.

Rat illi d-delitt kontra l-persuna illi waqtu l-ħati kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar kien delitt illi l-liġi tqis illi huwa wieħed li ma jistħoqqlux piena. Rat ukoll illi l-ħati nstab illi aġixxa taħt il-bżonn tad-difiża leġittima tiegħu innifsu, għalkemm eċċeda l-limiti tal-bżonn, u dan l-eċċess kien minħabba li nħasad, beża' jew twerwer.

Rat ukoll illi l-ħati ma għandux preċedenti kriminali.

Tqis għalhekk illi, għalkemm hemm ħtija, din fiċ-ċirkostanzi timmerita illi l-ħati jingħata l-benefiċċju taħt l-art. 28A tal-Kodiċi Kriminali.
Għalhekk il-qorti, wara li rat l-artt. 223, 492, 23, 28A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, u l-art. 26 u 27 tal-Kap. 66, tikkundanna lill-ħati Raymond Camilleri għall-piena ta' priġunerija għaż-żmien ta' sitt xhur, b'dan illi s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul iż-żmien ta' sentejn millum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna li din is-sentenza tibda sseħħ.
Tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* kif irid l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali u, kif irid l-art. 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati jħallas fi żmien xahrejn millum is-somma ta' tliet mija u sitta u erbgħin lira (Lm346) li hija nofs l-ispejjeż tal-ħatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------